SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 08/K8/15**

**Laqgħa numru 8 tal-Leġislatura Nru. 8**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 02/10/'15** **386**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

## 8.01 Introduzzjoni

**8.01.01** Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 2 t'Ottubru 2015.

**8.01.02** Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.00p.m.

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Guido Dalli | Viċi Sindku | GD | Preżenti |
| Martin John Sultana | Kunsillier | MJS | Preżenti |
| Dott. Albert Buttigieg | Kunsillier | AB | Preżenti |
| John Agius | Kunsillier | JA | Preżenti |
| Adrian Dominic Ellul | Kunsillier | ADE | Preżenti |
| Clayton Luke Mula | Kunsillier | CLM | Preżenti |
| Clayton Tanti Gregoraci | Kunsillier | CTG | Preżenti |
| Rita Dimech Portelli | Kunsilliera | RDP | Skuzata |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Iskrivana | CCF | Preżenti |

**8.01.03** Kien preżenti wkoll l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ is-Sur Brian Azzopardi.

**8.01.04** Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

**8.01.05** Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

**8.01.06** Inqrat it-Talba.

**Aġenda**

**8.01.07** Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-24 ta Settembru 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen
4. Għoti tat-Tender tal-ġbir tal-iskart
5. Ġbir tal-iskart *extra* (it-Tlieta u l-Ġimgħa)
6. Update tal-proġetti
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
9. Aġġornament tal-laqgħa.

## 8.1 Approvazzjoni ta' Minuti

8.1.01 Is-Sindku ressaq il-Minuti 07/K8/15 għall-approvazzjoni.

8.1.02 Il-Kunsillier Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

8.1.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

8.1.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

**8.1.2.01** Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 12/KA2/15 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

## 8.2. Korrispondenza

**8.2.01** Fuq il-mejda tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Korrispondenza**

**8.2.02** **Rif Nru. 5246**

Il-Kunsill ġie nfurmat b'email li rcieva mingħand ir-Reġjun Ċentru rigward fondi ta' l-LES minn Ġunju sa' Awwissu 2015.

**8.2.03** **Rif Nru. 5321**

Saret riferenza għat-talba mingħand il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy sabiex jigi skużat għal-laqgħa tal-Ħamis 3 ta' Settembru 2015. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġi skużat.

**8.2.04** **Rif Nru. 5541**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Albert Buttigieg rigward il-bżonn li tinbidel tabella fi Triq Birkirkara. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din għandha tigi rranġata, pero kellna inkellmu xi stabbilimenti minħabba li din it-tabella kienet qed tiġi vvandaliżżata wara ftit siegħat li teħel.

**8.2.06** **Rif. Nru. 5626**

Saret riferenza għall-kwotazzjoni minghand il-Perit Bezzina ta' xogħolijiet fi Triq il-Kbira faċċata tal-Knisja tal-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li minħabba li t-Transport Malta baqgħet tinsisti li l-Kunsill għandhu jagħmel ix-xogħol huwa u ġie deċiż unanimament li l-Kunsill qiegħed joġġezzjona li ssir min-naħa tiegħu minħabba li minn din it-triq jgħaddi volum kbir ta' vetturi u karozzi tal-linja. Għaldaqstant għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-

Gvern Lokali sabiex jintalab biex il-Kunsill jingħata suplimentary funds minħabba li din it-triq ser tiswa ħafna flus.

**8.2.07** **Rif Nru. 5734**

B' riferenza għall-email mingħand l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Ċirkulari 44/2015 – White Paper / Policy Document, ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Martin Sultana u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ser jieħdu l-parti ta' l-*School Opening Hours and Traffic Congestion* u il-Kunsillier Clayton Luke Mula u il-Kunsillier Albert Buttigieg ser jihdu s-sezzjoni tat-Turismu. Għaldaqstant fil-laqgħa li jmiss għandhom jġibu summary fuqhom.

**8.2.08** **Rif. Nru. 5114**

Saret riferenza għall-kwotazzjoni sabiex tiġi nstallata bozza fi Triq Angelo Pullicino. Minħabba li l-ispiża kienet tlaħħaq mal-€2,000 ġie deċiż unanimament li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet oħra ta' kemm tiġi.

## 8.3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen

**8.3.01** Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni il-kwotazzjonijiet għal-*Live Streaming* u wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintagħazel il-kwotazzjoni ta' AID Ltd minhabba li din hija l-aktar offerta vantaġġjuża.

**8.3.02** Fir-rigward ill-Green MT, il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgha maghhom fejn tqajmu dawn il-punti qabel ma jigi ffirmat l-Kuntratt:

a. Għandhom jinbidlu s-7 *Bring in Sites* li hawn fil-lokali u dawn għandhom jkunu fuq ir-roti.

b. Għandhom jingħataw boroz grizi sabiex jingħataw lir-residenti, fejn ir-residenti jkunu jistgħu jinġabru mill-Kunsill.

c. Għandu jitħallas l-ammont pendent ta' €19, 000 fejn €5,000 għandhom jitħallsu meta jsir l-iffirmar tal-kuntratt u l-€14,000 għandhom jitħallsu mal-iffirmar tal-Kuntratt b' post dated cheque.

d. Għandhom jsiru 7 billboard fuq il-bring in sites li hawn fil-lokalita' sabiex ir-residenti u kull min jagħmel użu minnhom jkollu aktar informazzjoni dwarhom.

e. Għandhom jinbgħatu wkoll leaflets lir-residenti b' informazzjoni fir-rigward il-gbir ta' l-iskart separat.

Wara dawn il-punti, il-Kunsill ser jenfasiza li f' kaz li l-kuntrattur jonqos li f' kaz li l-kuntrattur jonqos jimxi ma' dawn il-kundizzjonijiet, il-Kunsill jirriserva d-dritt li jwaqqa' t-tender. B'dawn il-Kundizzjonijiet il-Kuntratt setgha jigi iffirmat.

## 8.4 Għoti tat-Tender tal-ġbir tal-iskart

**8.4.01** Iċ-ċermen ippreżenta l-iskeda b'offerti li l-Kunsill irċieva fir-rigward il-Ġbir ta' l-Iskart flimkien ma' l-iscore sheets skond it-terminu tat-Tender.

**8.4.02** Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fil-5.00p.m.

**8.4.03** Iċ-Ċermen ippropona li tintagħażel l-offerta ta' Galea Solutions minħabba li hi l-aktar offerta li kienet ġabet score tajjeb u kienet l-aktar vantaġġjuża.

**8.4.04** Il-Viċi Sindku Guido Dalli ssekondah.

**8.4.05** Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8.5 Ġbir tal-iskart *extra* (it-Tlieta u l-Ġimgħa)

**8.5.01** Wara diskussjoni qasira fuq din il-materja, ġie deċiż unanimament li sa' l-aħħar ta' Diċembru 2015, il-ġbir ta' l-iskart ser jibqa' jinġabar kif inhu fil-preżent, jiġifieri mit-Tnejn sas-Sibt il-ġbir ta' l-borza s-sewda kif ukoll it-Tlieta u l-Gimgħa tinġabar ukoll il-borza il-griża.

## 8.6 *Update* tal-Progetti

**8.6.01** Minħabba li l-laqgħa li kellha ssir mas-Segretarju Parlamentari għad-drittijiet ta' persuni b' diżabilita' u Anzjanita' Attiva l-Onor Dott. Justyne Caruana, ġiet posposta għall-diversi drabi, s-Segretarju Eżekuttiv kellhu jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingħata l-enchrocement jew l-l*easing* ta' din l-art, fl-istess waqt is-Sindku għandu jitkellem mal-Ministru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali l-Onor. Dott. Michael Falzon sabiex tingħata l-għajnuna fl-akkwist ta' din l-art.

**8.6.02** Il-Kunsill gie nfurmat li l-Perit baghat sketch ta' l-proget tat-tarag ta' Triq Scicluna.

**8.6.03** Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul flimkien maċ-Ċermen, nfurmaw lill-Kunsill li ntbagħatu diversi ittri liż-żgħażagħ li hawn fil-lokalita' ta' San Giljan fir-rigward il-Kunsill Lokali taż-Żagħzagħ.

## 8.7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

**8.7.01** Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

**8.7.02** Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

**8.7.03** Il- Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

**8.7.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8.8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**8.8.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3821 sa' Nru 3836 (Ara Appendiċi 'C').

**8.8.02** Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3821 sa' Nru. 3836.

**8.8.03** Għandhom jitbagħatu kopja tal-Purchase Request Sheets updated.

## 8.9 Affarijiet oħra meqjusa urġenti u Aġġornament

**8.9.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għall nhar il-Ġimgħa 30 t' Ottubru 2015 fl-4.00p.m.

**8.9.02** Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Karl Gouder** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |